MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Rikors Numru. 2530/1997/1

Rosario u Maria Dolores **MIFSUD**

**vs**

John **SALIBA** u Rita Saliba, u Maria u Joseph miżżewġin Abela u b'degriet tat-28 ta' Ġunju, 2002, is-soċjeta' KHC Enterprises Limited assumiet l-atti minflok John u Rita miżżewġin Saliba

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-6 ta' Novembru, 1997, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) tiddikjara li l-arja ta' fuq il-post 192, Triq Santa Marija, Ħal Għaxaq, hija tagħhom biss; u (b) għalhekk tiddikjara li l-kuntratt ippubblikat min-Nutar Carmel Manġion fis-16 ta' Frar, 1995, li bih l-imħarrkin miżżewġin Abela biegħu l-imsemmi fond lill-imħarrkin l-oħrajn miżżewġin Saliba ma jiswiex  safejn jirreferi għall-arja tal-istess post. Talbu wkoll l-ispejjeż tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-28 ta' Jannar, 1998[1], li bih laqgħet talba tal-atturi biex il-kawża tinstema' malajr u tat żmien lill-imħarrkin biex iressqu n-Noti tal-Eċċezzjonijiet tagħhom;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-30 ta' Jannar, 1998, li biha l-imħarrkin miżżewġin Abela laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li t-talbiet attriċi m'humiex mistħoqqa għaliex meta omm il-partijiet ħalliet bi prelegat il-postijiet rispettivi tagħhom, ma eskludietx l-arja tagħhom, u għalhekk hu meqjus li kull post tħalla bi prelegat bl-arja tiegħu kif trid il-preżunzjoni tal-liġi fl-artikolu 323 tal-Kodiċi Ċivili. Laqgħu wkoll billi qalu li skond l-artikolu 1398 tal-istess Kodiċi l-ħaġa kellha tkun konsenjata bl-aċċessorji kollha tagħha, u l-arja ta' fond hija aċċessorju tiegħu;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fis-6 ta' Frar, 1998, li biha l-imħarrkin miżżewġin Saliba laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li t-talbiet attriċi m'humiex mistħoqqa u dan għaliex l-arja tal-post li kisbu tagħmel mal-istess post u wkoll għaliex il-kuntratt li bih huma kisbu l-post huwa wieħed validu u jagħtihom titolu tajjeb għal kulma fih;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-20 ta' Marzu, 1998[2] li bih ħatret lill-Perit Arkitett Frederick Doublet bħala perit tekniku, mgħejjun mill-Avukat Peter Fenech bħala perit legali;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-28 ta' Ġunju, 2002[3], li bih u fuq talba magħmula b'rikors imressaq fl-20 ta' Marzu, 2002, ordnat li l-kumpannija KHC Enterprises Limited tassumi l-atti tal-kawża minflok l-imħarrkin John u Rita Saliba, billi fil-mori tal-kawża kienet kisbet mingħandhom il-post mertu tal-każ;

---

[1] Paġ. 26 tal-proċess
[2] Paġ. 42 tal-proċess
[3] Paġ. 110 tal-proċess

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-periti ġudizzjarji fid-19 ta' April, 2002[4], u minnhom maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tat-28 ta' Ġunju, 2002;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' April, 2003[5], li bih tat lill-atturi żmien biex iressqu Nota ta' Kritika għall-konklużjonijiet tar-rapport peritali;

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet imressqa mill-kumpannija KHC Enterprises Limited fis-17 ta' Ġunju, 2003[6];

Rat in-Nota ta' Kritika u ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fit-2 ta' Settembru, 2003[7];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ulterjuri mressqa mill-kumpannija KHC Enterprises Limited fl-1 ta' Diċembru, 2003[8], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin miżżewġin Abela fid-9 ta' Ġunju, 2004[9];

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Diċembru, 2004[10], li bih ordnat li fl-atti jidħlu l-verbali tas-seduti miżmumin mill-perit legali, minħabba li dawn ma tressqux meta l-istess periti kienu ippreżentaw u ħalfu r-relazzjoni;

Rat in-Nota mressqa mill-partijiet waqt is-smigħ tas-26 ta' April, 2005[11], li biha ressqu kopja tal-verbali tas-seduti peritali u tad-dokumenti mressqin matul l-istess seduti;

Semgħat is-sottomissjonijiet ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[4] Paġġ. 74 – 92 tal-proċess
[5] Paġ. 113 tal-proċess
[6] Paġ. 114 tal-proċess
[7] Paġġ. 119 sa 125 tal-proċess
[8] Paġġ. 134 – 7 tal-proċess
[9] Paġġ. 142 – 6 tal-proċess
[10] Paġ. 149 tal-proċess
[11] Paġġ. 158 sa 231 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Ottubru, 2005, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' aċċertament minn sid ta' post dwar l-arja li tinsab fuq post li jmiss ma' tiegħu. L-attur wiret post mingħand ommu imma jrid li l-arja tal-post li jmiss miegħu – li tħalla lil oħtu fl-istess testment – tkun dikjarata bħala tiegħu ukoll. Minħabba li oħtu biegħet il-post li wirtet lil ħaddieħor "bl-arja tiegħu libera", l-attur irid li dak il-kuntratt ta' bejgħ jitwaqqa' għaliex bih inbiegħet l-arja li hija tal-attur;

Illi l-imħarrkin laqgħu għal din l-azzjoni billi warrbu l-pretensjonijiet tal-atturi għaliex jgħidu li l-arja ma tagħmilx mal-post tal-atturi imma ma' l-ieħor ta' ħdejh. Għalhekk, jgħidu li m'hemmx raġuni tajba għaliex il-kuntratt jitħassar;

Illi mill-<u>fatti rilevanti li jirrigwardaw din il-kawża</u> jirriżulta li l-attur jiġi ħu l-imħarrka Marija Abela. B'testment magħmul minn ommhom fil-5 ta' Frar, 1972[12], hija ħalliet xi prelegati ta' ġid immobbli lil uħud minn uliedha, wara li iddikjarat li kienet taf li dak il-ġid kien jagħmel mill-komunjoni tal-akkwisti li hi u żewġha (li kien miet testat[13] qabilha f'Ġunju tal-1968) kellhom bejniethom. B'wieħed mill-prelegati, ħalliet lill-attur (fost l-oħrajn) il-post li jġib l-isem ta' "*Saint Joseph*", fi Triq Ġdida fi Triq Santa Marija (illum il-ġurnata msemmija Triq il-Barklor), Ħal Għaxaq, bl-obbligu li fuq l-istess post joħloq piż reali fl-għamla ta' fondazzjoni ta' quddies għal dejjem u bil-fehma tal-ġenituri tiegħu; filwaqt li bi prelegat ieħor ħalliet lill-imħarrka Maria Abela l-fond numru 192, Triq Santa Marija, Ħal Għaxaq, flimkien mal-mandra annessa miegħu, u wkoll imponitilha l-obbligu ta' piż reali ta' fondazzjoni ta' quddies għal dejjem fuq dak il-post. Il-fondi imħollija lill-partijiet kienu nbnew minn missierhom fuq ġid li hu kiseb (matul iż-żwieġ tiegħu ma' ommha) f'Awissu tal-1953[14]. Il-fond imħolli lill-attur u dak

---

[12] Dok "B", f'paġġ. 7 sa 10 tal-proċess

[13] Jissemma testament *unica charta* tas-27.10.1942, f'paġ. 207 tal-proċess, minkejja li fil-kuntratt li bih l-imħarrka biegħet il-post lill-imħarrkin Saliba jingħad li l-missier kien miet bla testment

[14] Dok "AA", f'paġġ. 35 – 8 tal-proċess

imħolli lill-imħarrka Marija Abela jmissu ma' xulxin, iżda l-bieb li jagħti għat-triq tal-post imħolli lill-attur jinsab fi Triq il-Barklor, filwaqt li l-bieb ta' barra tal-post imħolli lill-imħarrka jinsab fi Triq Santa Marija;

Illi omm il-partijiet mietet f'Ġunju tal-1979. Fiż-żmien tal-mewt tagħha, fil-post imħolli bi prelegat lill-attur kien għadu joqgħod (b'titolu ta' lokazzjoni) wieħed Carmelo Manara flimkien ma' martu Carmela u wliedhom. Dan l-istess Carmelo Manara kien xtara dak il-post mingħand missier l-attur fl-1958[15], iżda erba' snin wara fl-1962[16] l-partijiet ħassru dak il-kuntratt u Manara baqa' jżomm il-post b'kera sa xi l-1994. L-imħarrka Marija Abela kienet għamlet xi żmien toqgħod fil-post li tħalla lilha: kienet toqgħod fih sakemm kienet għadha xebba u kienet tikrih mingħand missierha u mbagħad, meta miet, mingħand ommha. Baqgħet toqgħod fih sa xi snin wara li żżewġet lill-imħarrek Joseph Abela meta ommha kienet diġa' mietet u mbagħad marru joqogħdu band'oħra[17];

Illi f'Jannar tal-1986[18], l-attur, l-imħarrka u ħuthom l-oħrajn kienu għamlu kuntratt ta' qasma tal-ġid imħolli lilhom mill-wirt tal-ġenituri tagħhom u fl-istess att immittew ukoll lil xulxin fil-pussess tal-legati mħollijin lilhom, iżda f'dak l-att ma ssemmewx il-postijiet imħollijin bi prelegat mill-omm fit-testment tagħha ta' Frar, 1972. Fi Frar tal-1995[19], l-imħarrka Marija Abela (waħedha, billi l-ġid kien parafernali) biegħet il-post numru 192, Triq Santa Marija, Ħal Għaxaq, lill-imħarrkin miżżewġin Saliba, bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissrin. Il-bejgħ kien jinkludi l-post innifsu, il-mandara annessa miegħu u "*bl-arja libera tiegħu*". Minn kif inhi l-binja tal-post, dan m'għandux aċċess għall-bejt tiegħu. L-aċċess għall-bejt ta' dan il-post huwa biss minn kamra tal-bejt li tagħmel mal-post imħolli lill-attur, u ż-żewġt ibjut m'humiex mifruda minn ċnut jew opramorti[20], u lanqas huma fuq livelli differenti, u l-qlib tal-ilma li jaqa' fuqhom imur kollu lejn il-bejt fl-ewwel

---

[15] Dok f'paġġ. 198 sa 202 tal-proċess
[16] Dok f'paġġ. 203 – 6 tal-proċess
[17] Xhieda tal-imħarrek Joe Abela 24.1.2000, f'paġ. 190 tal-proċess
[18] Dok f'paġġ. 207 sa 218 tal-proċess
[19] Dok "Ċ", f'paġġ. 11 – 5 tal-proċess
[20] Xhieda ta' Carmela Manara 4.5.1998, f'paġ. 163 tal-proċess

sular tal-post imħolli lill-imħarrka (192, Triq Santa Marija)[21];

Illi l-kawża nfetħet f'Novembru tal-1997. Fit-12 ta' Novembru, 2001[22], l-imħarrkin John u Rita miżżewġin Saliba biegħu l-post tagħhom lill-kumpannija KHC Enterprises Limited. F'dan il-kuntratt ukoll, il-bejgħ kien jinkludi l-arja tal-post. Fl-att pubbliku tissemma wkoll din il-kawża u hemm klawsola li biha l-kumpannija xerrejja kisbet ukoll id-dritt litiġjuż marbut mal-kwestjoni li hawn illum quddiem il-Qorti;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali li jinħalqu f'din il-kawża jduru mat-tifsira tad-dispożizzjonijiet testamentarji (f'sura ta' prelegati) li omm il-partijiet daħħlet fit-testment tagħha, u dwar il-preżunzjoni legali tal-arja ta' fond;

Illi **għar-rigward tal-ewwel konsiderazzjoni dwar it-tifsira t-tajba tal-ġid imħolli b'legat**, jidher xieraq li wieħed jibda qabel xejn biex jiftakar li kemm l-attur u kif ukoll oħtu l-imħarrka jafu l-jeddijiet tagħhom fuq il-ġid in kwestjoni bis-saħħa tal-wirt tal-ġenituri tagħhom. B'mod partikolari, minħabba li l-omm (li kienet is-superstiti bejnha u żewġha) għoġobha tħalli l-ġid rispettiv (għallanqas f'biċċa minnu) bi prelegat "*di cosa altrui*", jidher li ż-żewġ partijiet jafu l-għerq tal-jeddijiet tagħhom fuq dak il-ġid imħolli lilhom bis-saħħa tal-istess att kostitutiv ta' titolu. Fi kliem ieħor, fil-fehma tal-Qorti, l-ebda wieħed mill-partijiet m'għandu titolu aqwa jew eqdem minn tal-parti l-oħra;

Illi hija regola li, meta wieħed jitkellem dwar ġid li jitħalla b'legat (jew, bħal f'dan il-każ, prelegat), wieħed jifhem li l-ħaġa identifikata tkun tħalliet lill-(pre)legatarju b'dak kollu li jagħmel minnha u bl-aċċessorji tagħha[23]. Huwa minnu wkoll li jidher li teżisti regola li tgħid li meta kwestjoni tkun dwar jekk legat għandux ikun ammess jew eskluż, tingħata l-interpretazzjoni li l-iżjed tiffavorixxi lil-legatarju, filwaqt li meta l-kwestjoni tkun dwar l-estensjoni jew il-kwantita' tal-legat, din tmur favur il-werriet[24]. Il-kwestjoni li

[21] Ara l-pjanta magħmula mill-perit tekniku, f'paġ. 94 tal-proċess
[22] Dok f'paġġ. 69 – 72 tal-proċess
[23] Art. 731 tal-Kap 16
[24] App. Ċiv. **18.3.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia vs Mallia*** (Kollez. Vol: **XLI.i.190**)

l-Qorti għandha quddiemha llum hija bejn żewġ legatarji u għalhekk dan il-prinċipju ma tantx jista' jkun ta' fejda għas-soluzzjoni tal-kwestjoni. Jibqa' l-fatt, madankollu, li meta omm l-imħarrka għażlet li tħalli l-post 192, Triq Santa Marija lil bintha, semmiet il-mandra li kien hemm mal-post (għalkemm kien diġa' jinfed għaliha). L-arja ta' fuq il-post ma ssemmietx, b'mod li la ngħatat espressament mal-post imħolli lill-imħarrka iżda lanqas ma ngħatat espressament mal-post imħolli mill-istess testatriċi lill-attur;

Illi minn dawn iċ-ċirkostanzi, ma jistax jingħad li t-testatriċi riedet tagħti xi preferenza partikolari li xi wieħed mill-fondi mħollija bi prelegat iżjed mill-fond l-ieħor. Lanqas ma jidher li ntefgħu fuq il-legatarji xi kundizzjonijiet minbarra dawk marbuta mat-twaqqif tal-fondazzjoni tal-quddies. Għalhekk, safejn tirrigwarda t-tifsira tad-dispożizzjonijiet testamentarji partikolari ta' omm il-partijiet, il-Qorti tqis li dawn ma jitfgħux dawl determinanti fuq is-soluzzjoni tal-kwestjoni;

Illi **dwar it-tħaddim tal-preżunzjoni maħsuba fl-artikolu 323 tal-Kodiċi Ċivili** għandu jingħad li ilu żmien stabilit li din hija waħda "*iuris tantum*" u tista' titwaqqa' bi provi tajbin u kuntrarji għal dak li l-istat ta' fatt ikun nissel[25]. Il-piż li tressaq prova tajba biex twaqqa' dik il-preżunzjoni hu fuq dik il-parti li tallega l-kuntrarju, u sakemm issir dik il-prova l-preżunzjoni tibqa' li l-bejt hu ta' dak li jippossjedi l-ġid ta' taħtu;

Illi huwa minnu li l-aċċess waħdieni u komdu għall-arja tal-post imħolli lill-imħarrka huwa biss mill-fond imħolli lill-attur. Iżda dan il-fatt waħdu m'għandux ifisser tabilfors li dik l-arja ttieħdet mis-sid tal-post imħolli lill-attur[26]. L-attur iressaq l-argument (u provi) li għal kemm il-post imħolli lilu dam mikri lill-familja Manara, il-bejt kollu (magħduda l-arja fuq il-post imħolli lill-imħarrka Marija Abela) kien jintuża minn dik il-familja bla xkiel u bla ma ħaddieħor kien jagħmel użu mill-istess bejt. Iżda din iċ-ċirkostanza waħedha ma tissarrafx fi prova ta' titolu tal-arja fuq il-bejt

---

[25] App. Ċiv. **23.11.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella Ħaber vs Borġ*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.403**)
[26] Ara, b'eżempju App. Ċiv. **9.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Baldacchino*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.47**)

tal-post imħolli lill-imħarrka. Huwa magħruf u daqstant ieħor aċċettat li l-liġi tagħraf bejn il-jedd għall-arja ta' post u l-jedd tal-użu ta' dik l-arja imqar bħala servitu', u dan għaliex fl-ewwel każ, il-ġid ikun tal-persuna li hija s-sid tal-post, filwaqt li fit-tieni każ il-bejt ikun ta' sid ieħor[27];

Illi minn stħarriġ li l-Qorti għamlet tal-atti, x-xhieda u d-dokumenti mressqa matul is-smigħ tal-kawża, jidher li tirriżulta prova li tixhed ċar biżżejjed dwar l-aħjar tifsira u applikazzjoni tal-preżunzjoni f'dan il-każ. Il-Qorti ssib li din il-prova hija b'saħħitha biżżejjed biex tgħinha tasal għal fehma sħiħa dwar is-soluzzjoni tal-kwestjoni. Fuq kollox, il-Qorti ssib li hija prova li tmur lil hinn minn sempliċi impressjonijiet jew fehmiet soġġettivi li jikkaratterizzaw il-biċċa l-kbira tax-xhud imressqin f'din il-kawża, imma, fuq kollox, għaliex tmur eqreb lejn l-għajn tat-titolu;

Illi, kif ingħad, jirriżulta li missier il-partijiet kien bena huwa nnifsu l-istabili kollu (li jinkludi ż-żewġ postijiet imħollija lill-partijiet) wara li dan kien iġġarraf bil-ħidma tal-għadu fil-Gwerra. Bnih bit-tfassila li jinsab fiha llum, jiġifieri fi tliet ambjenti separati, li f'biċċa minnhom jirkbu fuq xulxin, u bl-aċċess waħdien għall-bejt minn post wieħed minnhom. Meta, fl-1958, missier l-attur biegħ il-post (li llum tħalla b'legat lill-attur) lil Carmelo Manara, dan biegħhulu bl-arja libera tiegħu. Iżda f'dak il-kuntratt, meta tfissru l-konfini, issemma b'mod ċar li mill-punent u min-nofsinhar dak il-post kien imiss ma' żewġ toroq (Triq Santa Marija u Triq il-Barklor tal-lum) u mill-irjieħ l-oħrajn kollha ma' ġid tal-bejjiegħ. Fi kliem ieħor, missier l-atturi ma telaqx minn idejh il-proprjeta' tal-bqija tal-istabili u lanqas l-arja ta' fuqhom. U peress li l-post 192 (illum imħolli lill-imħarrka) kien imiss ma' dak il-meżżanin mil-lvant[28], l-arja fuq dak il-post (li hija sewwasew l-arja li tifforma l-mertu tal-kwestjoni f'din il-kawża) żammha l-bejjiegħ bħala ġidu ladarba żamm f'idejh il-ġid ta' taħtha. Għall-Qorti, din iċ-ċirkostanza tfisser li, fl-ewwel lok, sid il-postijiet innifsu u l-awtur tal-attur, kien wera li l-arja tal-post 192 kienet ta' dak il-post u mhux biċċa mill-estensjoni mill-arja tal-post

---

[27] P.A. **1.2.1951** fil-kawża fl-ismijiet ***Mamo vs Vella*** (Kollez. Vol: **XXXV.ii.341**)
[28] Ara l-pjanta f'paġ. 94 tal-proċess

"*Saint Joseph*"; u, fit-tieni lok, li l-użu li tħalla jagħmel Manara mill-bejt fl-arja tal-post 192 kien użu b'tolleranza;

Illi, wara li ħadet qies ta' dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li l-atturi ma seħħilhomx iwaqqgħu il-preżunzjoni maħluqa favur il-post imħolli lill-imħarrka, u għalhekk tqis li l-arja ta' dak il-post hija tassew parti mill-ġid imħolli lill-imħarrka Marija Abela fil-prelegat;

Illi sewwasew fl-aħħar fażijiet tas-smigħ tal-kawża, l-atturi ħarġu bl-argument li l-jedd tagħhom għall-arja tal-post mertu tal-kawża tnissel bil-preskrizzjoni akkwiżittiva. Huma jgħidu li dan seħħ minħabba li l-arja tal-post imħolli bi prelegat lill-imħarrka Marija Abela kienet dejjem fil-pussess ta' min kien is-sid tal-post bl-isem ta' "*Saint Joseph*". L-imħarrkin jilmintaw li l-atturi ma messhomx ressqu dan l-argument meta l-istadju tal-provi kien magħluq u għaliex tul iż-żmien kollu li kienet miexja l-kawża qatt ma ssemma u lanqas jifforma parti mill-kawżali li fuqha l-atturi jibnu l-azzjoni tagħhom;

Illi din il-Qorti ssib li ma kienx sewwa li l-atturi jqanqlu l-kwestjoni tal-kisba tal-jedd għall-arja tal-post bis-saħħa tal-preskrizzjoni akkwiżittiva. Dan jingħad mhux biss għall-mod kif tqajmet il-kwestjoni, iżda wkoll għaliex ma seta' qatt ikun li huma jinvokaw favurihom il-pussess tal-istess arja meta jirriżulta b'mod ċar (u mistqarr minnhom fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom) li l-post "*Saint Joseph*" kien għal bosta snin miżmum b'kirja minn ħaddieħor u dan sa madwar sentejn qabel ma nfetħet il-kawża. L-atturi żgur ma kellhomx il-pussess (u lanqas imqar id-detenzjoni tal-post)[29], filwaqt li huwa magħruf li dawk li jżommu l-ħaġa f'isem ħaddieħor (u fost dawn wieħed jgħodd lil min ikun qed iżomm b'kera) ukoll ma jistgħux jippreskrivu favur tagħhom infushom[30];

Illi għalhekk, l-atturi lanqas b'dan l-argument ma jistgħu jwaqqgħu l-preżunzjoni maħluqa bil-liġi favur il-post imħolli lill-imħarrka Marija Abela. Dan ifisser ukoll li meta l-imħarrka Marija Abela biegħet il-post 192 Triq Santa

[29] Ara x-xhieda tal-attur fil-kontro-eżami 22.6.1998 u 3.6.1999, f'paġġ. 169 u 187 tal-proċess
[30] Art. 2118 tal-Kap 16

Marija, Ħal Għaxaq lill-imħarrkin miżżewġin Saliba bl-arja tiegħu, u meta dawn tal-aħħar biegħu l-istess post (ukoll bl-arja tiegħu) lill-kumpannija KHC Enterprises Limited, ma kienu qegħdin ibiegħu xejn li ma kienx tagħhom b'jedd;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad it-tieni talba attriċi** għaliex din hija konsegwenzjali għall-ewwel talba;
**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrkin miżżewġin Abela u ż-żewġ eċċezzjonijiet tal-imħarrkin miżżewġin Saliba; u

**Tikkundanna** lill-atturi jħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------